



Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14496/23

LIMITE

UK 211
TRANS 437

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0316(NLE)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST14007/23 + ADD 1 COM (2023) 522
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti 2 - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti 2, li tinsab fid-dokumenti ST 13533/23 + ADD 1.

2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta fit-3 ta' Ottubru 2023 lill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit. Fl-20 ta' Ottubru 2023, wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit laħaq qbil dwar it-test bil-modifiki ssuġġeriti mis-Servizz Legali tal-Kunsill. It-test maqbul jinsab fid-dokument ST 14007/23 + ADD 1.
 3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument ST 14230/23 + ADD 1;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jaddotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 14230/23 + ADD 1.
 4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat b'din id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-